MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 419/1993/1

**Carmelo sive Charles Ellul Sullivan**
**bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta' J. Cachia Caruana Limited**

**vs**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ppremetta:

Peress illi s-socjeta’ attrici hallset indebitament u taht protesta lill-konvenut is-somma ta’ sebat elef, erba’ mija u tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm7,452) u liema flus kienu pretizi ndebitament mill-konvenut bhala depozitu ghall-levy allagatament dovuta fuq l-importazzjoni ta’ ‘Tuc Salted Cocktail Crackers’ meta l-istess ma kienux dovuti dan kif jidher mir-ricevuta numru 19667 minnu rilaxxjata fil-11 ta’ April 1990 kif  jirrizulta minn kopji ta’ Dokumenti ‘A’, ‘B’ u ‘C’;

Peress illi l-konvenut huwa ghalhekk obbligat jirrifondi tali flus lilu mhallsa ndebitament kif jinghad stante illi dawn ma kienux dovuti bhala mposta skond l-Att ta’ l-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali (Att XXX1 ta’ l-1989);

Peress illi l-konvenut gie nutilment interpellat ihallas tali ammont permezz ta’ ittra ufficjali tal-31 ta’ Dicembru 1991 u tas-7 ta’ Settembru 1992;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:

1. Tikkundannah ihallas u jirrifondi ghar-ragunijiet premessi lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebat elef, erba’ mija u tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm7,452) liema flus kienu pretizi ndebitament mill-konvenut ghall-levy allegatament dovuta fuq l-importazzjoni u thallsu ndebitament mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

Bl-imghax min-notifika ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Dicembru 1991 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Dicembru  1991 u tas-7 ta’ Settembru 1992 u bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-ligi kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 16 tal-process fejn espona:

1. Illi l-ammont li ghandu jigi rifuz hu ta’ Lm4885.51 u mhux ta’ Lm7,452 bhala levy mhallas indebitament;

2. Illi dan l-ammont ma jistax jithallas stante l-hlas isir mill-Accountant General li ghandu mandat ta' sekwestru kontrih li l-istess atturi jafu bih.

3. Illi l-proceduri odjerni saru nutilment stante li l-atturi jafu li l-hlas ma sarx mill-Accountant General ghan-nom tal-konvenut stante li mpedit minn mandati ta' sekwestru, u ma jistax jigi mhallas mill-atturi minghajr ma qabel dawn jattakkaw il-mandati ta' sekwestru u wara jigu decizi l-kawzi relattivi li nfethu relatati ma' dawn il-mandati mill-istess konvenut kontra l-istess atturi.

4. Illi ebda mghax mhu dovut.

5. Illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-istess atturi stante li saru nutilment u multiplikati bi skop biss li jikbru l-istess spejjez u dan stante diversi 'claims' simili fuq l-istess mertu u kontra l-konvenut gew kull wahda minnhom ipprezentati perjodikament.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-sorte a fol 41;
Rat l-ammissjoni a fol 42;
Rat il-verbal a fol 63 fejn gie dikjarat li l-mandat ta' sekwestru skada;
Rat ic-cedola ta' depozitu ta' l-ammont rapprezentanti s-sorte kif ridott a fol 67;
Rat in-nota ta' l-attur noe a fol 73 fejn iddikjara li c-cedola ma tkopriex l-imghaxijiet dovuti sad data tad-depozitu u lanqas ma tkopri l-ispejjez gudizzjarji u legali nkorsi fil-proceduri legali;
Rat in-nota ta' l-intimat a fol 75 fejn iddikjara li f'kawzi ohra b'mertu simili u bejn l-istess partijiet il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet li ma takkordax imghaxijiet u rigward il-kap ta' l-ispejjez kull parti kellha tissaporti l-ispejjez taghha.
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat is-sentenzi li l-partijiet ghamlu referenza ghalihom u li kopji taghhom gew ezibiti fil-process;
Semghet lill Avukati difensuri;

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-attur noe fic-citazzjoni kien talab il-hlas tas-somma ta' Lm 7452 rapprezentanti levy imhallas minnu indebitament.

Illi dina s-somma kienet giet ridotta mill-attur b'nota a fol 41 ghall ammont ta' Lm 4885.50.

Illi b'verbal tal 14 ta' Frar 1996 a fol 42 il-konvenut iddikjara li l-ammont kif ridott huwa dovut u ghandu jithallas mill-Accountant General izda dana ghandu sekwestru kontra tieghu u ghalhekk ma jistax ihallas.

Kienu gew decizi tlett kawzi bejn l-istess partijiet (ara 1503/93; 1144/93 u 1440/93) fejn gie deciz li l-konvenut ma setghax jinqeda b'mandat ta' sekwestru maghrug fuq talba tieghu stess biex ma jhallasx dak li stqarr li ghandu jaghti. Fil-Prim istanza l-konvenut kien gie ikkundanat ihallas l-ispejjez tal-kawza u l-imghax. Dawn is-sentenzi fir-rigward ghal dak li gie deciz mill-Prim Istanza gew konfermati mill-Qorti ta' l-Appell kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward ta' l-ispejjez. Fir-rigward tal-proceduri ta' l-Appell u ritrattazzjoni hemm divergenza shiha mid-diversi Qrati ta' l-Appell dwar kif ghandhom jithallsu l-ispejjez.

Wara dawn is-sentenzi l-konvenut kien iddepozita l-ammont tas-sorte kif ridott. (ara fol 67).

Illi l-attur qed jikkontendi li l-ammont depozitat kellu jinkludi l-imghax dovut sad-data tad-depozitu u l-ispejjez gudizzjarji.

Illi jirrizulta mill-provi u s-sentenzi riferiti li l-konvenut ma kellux ragun fl-eccezzjoni tieghu cjoe li ma jhallasx ghax kien hemm sekwestru kontra l-Accountant General. Ghalhekk l-ammont li kien ammess minnu kellu jithallas lill attur noe fin 1993 meta kienu saru l-eccezzjonijiet fis-sens fuq indikat. Minn dakinhar sakemm sar id-depozitu fit 2007 kien qed jiddekorri l-imghax li l-konvenut naqas li

jiddepozita. (ara sentenzi Azzopardi vs Labet Hasan Vol V11 p 584 u Dr.J.Mamo noe vs A.Curmi noe Kumm 7/1/1980).

Rigward l-ispejjez il-Qorti tirrileva li l-Qorti ta' l-Appell f'diversi sentenzi kienet ikkonfermat li l-ispejjez dwar il-proceduri quddiem il-Prim Istanza fuq il-mertu tal-kawza kellhom jibqghu kif deciz mill-istess Qorti, cjoe kontra l-konvenut. Id-divergenza qeda fuq l-ispejjez ta' l-Appell u ir-ritrattazzjoni.

**Decizoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi ;
Prevja li tichad l-eccezjzonijiet tal-konvenut ;
Tilqa t-talba ta' l-attur noe., ghas somma ta' Lm 4,885.50 jew €11,380.15
U tikkundanna lill konvenut biex ihallas dana l-ammont;
Bl-ispejjez, kwantu ghal nofs ghal attur noe., (stante r-riduzzjoni tas-sorte u l-moltiplikazzjoni ta' kawza li saru forsi inutilment) u nofs ghall-konvenut ;
U bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, stante li ma gietx ezibita ebda kopja ta' l-ittra ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------